22004D0061

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 61/2004

tas-26 ta' April 2004

li temenda L-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 2/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) L-lokalità ġeografika speċifika u d-densità baxxa tal-popolazzjoni ta' l-Islanda, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-flotta ta' l-ajruplani li jservu r-rotot domestiċi fl-Islanda, jeħtieġu li r-Regolament (KE) Nru 2320.2002 ma jkunx applikabbli għas-servizzi domestiċi ta' l-ajru fit-territorju ta' l-Islanda. Il-miżuri tas-sigurtà nazzjonali applikabbli għas-serviżżi domestiċi ta' l-ajru fl-Islanda jipprovdu livell adekwat ta' protezzjoni.

(4) In vista tas-sitwazzjoni speċifika f'Liechtenstain li tirriżulta mill-effet miġmugħ tat-territorju ferm żgħir, struttura ġeoġrafika speċifika, kif ukoll mill-fatt li l-ammont totali tat-traffiku ta' l-ajru f'Liechtenstain huwa ferm limitat, li l-ebda servizzi regolari ta' l-arju lejn u minn Liechtenstein ma huma disponibbli u li l-infrastruttura ta' l-avjazzjoni ċivili f'Liechtenstein tikkonsisti biss minn heliport wieħed, ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 m'għandux ikunu applikabbli għall-infrastruttura ta' l-avjazzjoni ċivili eżistenti fit-territorju ta' Liechtenstein.

(5) La darba ħafna mill-ajruporti reġjonali tan-Norveġja jinsabu f'żoni remoti u l-miżuri tas-sigurtà nazzjonali applikabbli għas-servizzi domestiċi ta' l-ajru fin-Norveġja jipprovdu livell ta' protezzjoni adekwata, id-data ta' l-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 f'ċerti ajruporti reġjonali Norveġiżi għandha tkun aġġustata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 66g (Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlrament Ewropew u tal-Kunsill):

"66.h **32002 R 2320**: Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili (ĠU L 355, tat-30.12.2002, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-iskopijiet tal-Ftehim preżenti, ikunu jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu applikabbli għas-servizzi ta' l-ajru fl-ajruporti tat-territorju ta' l-Islanda.

([1]) ĠU L 116, tat-22.4.2004, p. 42.
([2]) ĠU L 355, tat-30.12.2002, p. 1.

(b) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu applikabbli għallinfrastruttra eżistenti ta' l-avjazzjoni ċivili fir-territorju ta' Liechtenstein.

(ċ) Dan ir-Regolament għandu jkun implementat mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005 fl-ajruporti reġjonali Norveġiżi kif speċifikati fl-Appendiċi * ta' l-Anness XIII, basta li dawn il-ħtiġiet li ġejjin ikunu milħuqa:

(i) ma jkun hemm l-ebda servizzi regolari internazzjonali ta' l-ajru lejn/minn l-ajruport.

(ii) Miżuri kompensatirji meħtieġa jkunu fis-seħħ fl-ajruporti Norvċġiżi meta r-Regolament ik implementat bis-shih fir-rigeward tat-titjiriet li jaslu minn kull wieħed minn dawn l-ajruporti reġjonali – bħal ma huwa is-separazzjoni tal-passiġġieri fil-partenza li jkunu mifruda mill-passiġġieri fil-wasla li jkun u għandhom ma ġew issorveljati sal-livell dettaljat fir-Regolament, u s-sorveljar mill-ġdid tal-passiġieri u l-bagalji – sabiex ikun assigurat li l-livell tas-sigurtà ma jkun bl-ebda mod kompromess."

2. L-intestatura "APPENDIĊI 8" hija miżjuda fit-tmiem ta' l-Anness XIII.

3. It-test fl-Anness tad-Deċiżjoni preżenti għandu jkun miżjud bħala test ta' l-Appendiċi 8 ta' l-Anness XIII.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' April 2004, basta li n-notifiki kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

L-ANNESS

Ajruporti Norveġiżi reġjonali referuti fl-adattazzjoni 9c) tal-punt 66h (ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

ANDØYA (ajruport militari bi trarffiku ċivili)

BÅTSFJORD

BERLEVÅG

FØRDE, Bringeland

HAMMERFEST

HASVIK

HONNINGSVÅG, Valan

LEKNES

MEHAMN

MO I RANA, Røssvoll

MOSJØEN, Kjærstad

NAMSOS

NARVIK, Framnes

ØRSTA/VOLDA, Hovden

RØRVIK, Ryum

RØST

SANDANE, Anda

SANDNESSJØEN, Stokka

SOGNDAL, Haukåsen

SØRKJOSEN

STOKMARKNES, Skagen

SVOLVÆR, Helle

VADSØ

VÆRØY (heliport)

VARDØ, Svartnes.